Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2014

Numru. 937/2005

**Il-Pulizija**

**Spettur Maurice Curmi**

**VS**

**Joseph Zammit, iben Lino u Maria nee' Fsadni, imwieled St Julian's nhar il-11 ta' Settembru, 1979, residenti fil-fond Block C4, Flat 4, Dun Luret Callus, Zebbug, detentur tal-karta tal-identita' numru 562179M**

**Omissis;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Jospeh Zammit** li gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fix-xhur ta’ Lulju, Awwissu, 2002 u fix-xhur ta’ wara, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi:

a. Ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi, f’dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe’ ghamel falsifikazzjoni tal-firma ta’ Joseph Zammit fuq cekkijiet tal-HSBC mahrug f’isem Zammit, u li hu stess kien irrapurtahom misruqa jew mitlufa lill-istess bank, u aktar talli xjentement ghamel uzu mill-istess skritturi jew kitba falza u dan bi ksur tal-Artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b. U aktar talli ffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, u cioe’ cekkijiet tal-HSBC fuq l-akkont ta’ Joseph Zammit u ta’ persuni ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista’ jircievi bih hlas jew jiehu kunsinna tal-oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn banek jew stabbiliment pubbliku

iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u aktar talli ghamel uzu mill-istess karta msemmija, u dan bi ksur tal-Artikoli 167 u 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. U aktar talli b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ghad-detriment ta' diversi hwienet, liema qliegh jilhaq l-ammont ta' madwar Lm500.00 bi hsara ghal HSBC, hwienet diversi, u persuni ohra, u dan bi ksur tal-Artikoli 308, 309, u 310(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. U aktar talli xjentement laqa' ghandu jew xtara affarijiet misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fi stadju ta' interrogatorju, Joseph Zammit wiegeb illi ma kinx hati tal-istess akkuzi (folio 17);

Rat ukoll illi wiegeb illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji;

Rat ukoll illi l-Avukat Generali baghat il-kunsens ghal tali proceduri (folio 16).

**Ghandu jigi rilevat, illi dawn il-proceduri huma biss fil-konfront ta' Joseph Zammit biss** (separazzjoni tal-gudizzju seduta 25 ta' Gunju, 2013 a folio 104).

Rat ukoll illi l-**Ispettur Joseph Cordina**, ghalkemm mhux l-Ufficjal Investigattiv proprja - stante li din kienet halliet il-Korp, ezebixxa l-istqarrija tal-imputat a folio 24 bhala Dok JZ. Jigi rilevat minn issa, illi tali stqarrija giet mehuda skont il-Ligi prevalenti dak iz-zmien, u cioe' minghajr id-dritt tal-assistenza legali.

Giet ezebita wkoll il-fedina penali ta' Joseph Zammit a folio 6.

Minn naha taghha **Audrey Ghigo, ghall-HSBC Bank Malta plc**, ezebiet statement mahruga minn kont ta' Joseph Zammit bhala Dok AG; kif ukoll id-dokument AG1 – specimen signature tal-istess kont; u wkoll kopja tal-stop payment bhala Dok AG2.

**Donatella Rocco**, salesgirl mal-hanut Baby Line, xehdet fil-konfront tal-ko-imputata, ghalhekk ix-xhieda taghha m'ghandha ebda piz fil-konfront tal-imputat.

Rat illi maghluqa l-provi (skarsi tal-Prosekuzzjoni), l-imputat Joseph Zammit ghazel illi jirregistra ammissjoni li zamm ferm.

Semghet it-trattazzjonijiet;

Rat ukoll il-fedina penali ta’ Joseph Zammit – dik aggornata.

Ghaldaqstant, in vista’ tal-ammissjoni konfermata, qieghda ssibu hati tal-istess akkuzi, u dan wara li rat l-Artikoli 183, 184, 167, 169, 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Dwar il-piena, rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Tqis l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijietta’ Malta bhala wiehed alternattiv, u konsegwentement qieghda tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sentejn(2) sospizi ghal erba’(4) snin, u dan ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti qieghda tispjegalu r-responsabbiltajiet u obbligazzjonijiet tieghu naxxenti minn sentenza sospiza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------